# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2349

## tal-10 ta' Diċembru 2015

## li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittri rreġistrati mal-Kummissjoni fit-23 ta' Diċembru 2014 u fit-8 ta' Mejju 2015, l-Ungerija talbet l-awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

(2) F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, bit-talba tal-Ungerija, permezz ta' ittra tat-2 ta' Lulju 2015. Permezz ta' ittra datata s-7 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Ungerija li kellha l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa biex tikkunsidra t-talba.

(3) L-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE jipprevedi li l-persuna taxxabbli li tforni l-oġġetti jew is-servizzi, bħala regola ġenerali, hija responsabbli għall-ħlas tal-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa. L-għan tad-deroga mitluba mill-Ungerija hu li tagħmel ir-riċevitur responsabbli għall-ħlas tal-VAT fir-rigward tal-provvista tal-persunal.

(4) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Ungerija, għadd ta' kummerċjanti fis-settur tal-aġenziji tal-impjiegi temporanji huma involuti f'attivitajiet frodulenti billi jipprovdu servizzi mingħajr ma jħallsu l-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa. Peress li dan it-tip ta' attività mhux neċessarjament jirrikjedi input jew investiment kbir, il-VAT li dawn l-aġenziji spiss jirċievu jaqbeż sewwa l-VAT deduċibbli li jkunu ħallsu lill-forituri tagħhom. Għadd ta' dawn l-aġenziji, li spiss ma jkollhomx assi jew ikollhom ftit li xejn, jgħibu wara perjodu qasir ta' anki ftit xhur biss, sabiex l-irkupru tal-VAT mhux imħallsa ikun diffiċli jew impossibbli.

(5) Billi tiġi dażinjata l-persuna li lilha jingħataw dawn is-servizzi bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT f'dawn il-każijiet, id-deroga telimina l-opportunità li tkun involuta f'dik il-forma ta' evażjoni tat-taxxa. Għal għadd ta' sitwazzjonijiet tal-provvista tal-persunal, elenkati fil-punt (a) tal-Artikolu 199(1) tad-Direttiva 2006/112/KE, diġà huwa possibbli li r-riċevitur ikun indikat bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT. Il-miżura ta' deroga hija għalhekk applikabbli għas-sitwazzjonijiet tal-provvista tal-persunal li mhumiex diġà koperti mid-Direttiva 2006/112/KE.

(6) Il-miżura ta' deroga mhux se jkollha effett ħażin fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Ungerija hija awtorizzata li tistipula li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT tkun il-persuna taxxabbli li jsirulha l-provvisti tal-persunal, li tkun involuta f'attivitajiet oħra għajr dawk koperti mill-punt (a) tal-Artikolu 199(1) tad-Direttiva 2006/112/KE.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
F. BAUSCH